

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2007/2156(INI)

24.10.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa
(2007/2156(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Elisabeth Schroedter

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-impatt tat-tibdil demografiku jvarja sew minn reġjun għal ieħor u jeħtieġ strateġiji differenti ta' aġġustament, li jiddependi mill-fatt jekk ir-reġjun ikkonċernat huwiex reġjun ta' immigrazzjoni jew ta' popolazzjoni li qed tiċkien; jinnota li l-kwalità tal-ħajja hija definita b'mod differenti fir-reġjuni fejn il-popolazzjoni qed tiċkien, li l-biċċa l-kbira huma reġjuni rurali, minn f'reġjuni ta' tkabbir u għalhekk strateġiji differenti ta' appoġġ huma meħtieġa;
2. Jinnota li r-reġjuni kollha, inklużi reġjuni ta' emigrazzjoni, għandhom potenzjal speċifiku f'oqsma varji; jitlob li dawn jitpoġġew f'pożizzjoni li jiżviluppaw bis-sħiħ dan il-potenzjal fl-interess tal-prosperità tar-reġjun tagħhom; Jitlob lill-Istati membri, għalhekk, fil-qafas tal-politika reġjonali tagħhom, jagħtu prijorità lil strateġiji indipendenti għall-iżvilupp f'reġjuni bħal dawn, peress li l-esperjenza turi li dan jista' jstimula attività ekonomika lokali u reġjonali u b'hekk ir-reġjuni fejn il-popolazzjoni qed tiċkien jerġgħu jsiru attraenti;
3. Jinnota li f'reġjuni fejn il-popolazzjoni qed tonqos kunċetti innovattivi u deċentralizzati, flimkien ma' attività qawwija miċ-ċittadini, itejbu l-kwalità tal-ħajja u huma fatturi li jsaħħu l-istabilità ekonomika u r-rabtiet fi ħdan ir-reġjun ikkonċernat, anki fost iż-żgħażaġh; jitlob li kunċetti għall-iżvilupp bħal dawn ikunu l-għan ewlieni tal-programmi ta' appoġġ;
4. Jenfasizza li f'reġjuni fejn il-popolazzjoni qed tiċkien il-ħidma volontarja u n-netwerks soċjali jagħtu kontribut sinifikattiv lill-bżonnijiet tal-popolazzjoni lokali; huwa tal-fehma li dan l-impenn ċivili attiv għandu jiġi rikonoxxut u l-entitajiet involuti għandhom ikunu appoġġjati bħala msieħba fil-politika reġjonali; jenfasizza li dan jagħti bidu għal proċessi ta' taġlim li jgħinu reġjun jilqa' l-isfida tat-tibdil demografiku;
5. Jitlob lill-Istati Membri ma jaqtgħux qalbhom mir-reġjuni ta' emigrazzjoni iżda jiggarantixxu l-forniment universali ta' servizzi bażiċi (p.e. s-servizzi postali u tas-saħħa) u l-aċċessibilità (p.e. tas-servizzi tat-trasport pubbliku u l-IT) u biex jissalvagwardjaw il-parteċipazzjoni ekonomika u l-kapaċitajiet (p.e. permezz tat-taħriġ); jitlob li l-kundizzjonijiet ta' qafas għat-twettiq ta' dawn il-kompiti jkunu adattati għall-bżonnijiet lokali u l-parteċipanti lokali u sabiex titjeb il-kapaċità ta' adattament tagħhom;
6. Jipproponi lill-kummissjoni li tippromwovi, bħala parti mill-programm INTERREG, netwerks madwar l-Ewropa kollha fejn ir-reġjuni u l-gvernijiet u l-istituzzjonijiet ċivili tagħhom ikunu jistgħu jitgħallmu minn xulxin kif għandhom isolvu l-problemi li jgħib miegħu t-tibdil demografiku.